# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

**Il-Pulizija**
**[Spettur Roxanne Tabone]**

**vs**

**Nicholas Zammit**

**Kumpilazzjoni Numru: 475/2020**

**Illum, 13 ta' Frar, 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Nicholas Zammit** detentur tal-karta tal-identita' numru 0007660M:

Akkuzat talli fit-12 ta' Settembru 2020 u matul il-gimghat u xhur ta' qabel gewwa dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Talli bl-imgieba tieghu kkaguna lil -Omissis- mwieled fis-Omissis- u lil -Omissis- mwieled fil-Omissis-, biza' li se tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-propjetà taghhom jew kontra l-persuna jew il-propjetà ta' xi hadd mill-axxendenti liema delitt twettaq fuq jew fil-prezenza tal-istess minuri;

2. Aktar talli fl-istess cirkostanzi gab ruhu b'mod li ta fastidju lil -Omissis- imwieled fis-Omissis- u -Omissis- mwieled fil-Omissis- liema delitt twettaq fuq jew fil-prezenza tal-istess minuri;

3. Aktar talli fl-istess cirkostanzi kien jaf jew missu kien jaf li kien ta' fastidju ghal -Omissis- mwieled fis-Omissis- u -Omissis- mwieled fil-Omissis- liema delitt twettaq fuq jew fil-presenza tal-istess minuri;

4. U aktar talli talab favuri sesswali minghand -Omissis- imwieled fis-Omissis- u -Omissis- mwieled fil-Omissis- liema delitt twettaq fuq jew fil-presenza tal-istess minuri;

5. Aktar talli fl-istess cirkostanzi ssoggetta lil -Omissis- mwieled fis-Omissis- u lil -Omissis- mwieled fil-Omissis- ghal xi att u, jew imgiba li jkollhom

konnotazzjonijiet sesswali, inkluzi kliem bil-fomm, mossi u, jew ghemil, il-wiri jew ic-cirkolazzjoni ta' kliem miktuba, stampi, u, jew xi materjal iehor, fejn dak l-att, kliem, u jew imgiba mhumiex mixtieqa mill-vittma, u jkunu jistghu ragonevolment jigu kkunsidrati bhala offensivi, umiljanti, degradanti, u jew intimidatorji lejha liema delitt twettaq fuq jew fil-prezenza tal-istess minuri;

6. U aktar talli hebb kontra -Omissis- mwieled fis-Omissis- u ghall-Omissis- I.D.:-Omissis- sabiex jingurjahom, iddejjaqhom jew jaghmel hsara lil dawn il-persuni;

7. U aktar talli ghamel lil -Omissis- mwieled fis-Omissis-, lil -Omissis- I.D.: -Omissis- u lil -Omissis- mwieled fil-Omissis- ingurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra f'dan il-Kodici, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li johrog barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra

tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Art 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita skond il-ligi, jekk jidrilha xieraq jghogobha tordna hrug ta' ordni ta' trattament skond l-Art 412D ta' Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' tal-vittmi -Omissis- mwieled fis-Omissis-, -Omissis- mwieled fil-Omissis- u -Omissis- I.D.:-Omissis-.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni fil-konfront ta' -Omissis- mwieled fis-Omissis-, -Omissis- mwieled fil-Omissis- u -Omissis- I.D.:-Omissis- ai termini tal-artiklu 412(C) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l'Qorti jidrilha xierqa.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti inkluz in-nota tal-Avukat Generali datata tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru 2020 fejn ta l-kunsens tieghu sabiex dawn il-proceduri jigu trattati b'mod sommarju;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-fedina penali tal-imputat li hija wahda kwazi netta;

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet;

**<u>IKKUNSIDRAT</u>**

Illi din il-kawza tittratta fuq allegat fastidju anke dak b'konnotazzjonijiet sesswali mill-imputat versu zewg guvintur minuri -Omissis- u -Omissis-.

Illi mix-xhieda tal-**<u>Ispettur Roxanne Tabone</u>** gie stabbilit illi fit-12 ta' Settembru 2020 dahal rapport l-ghassa ta- Omissis- li l-imputat kien qed jiffastidja zewg guvintur b'mod sesswali. Tghid illi l-gurnata ta' qabel iz-zewg guvintur iltaqghu bl-ewwel li jasal biswit fejn jabita l- imputat kien -Omissis-. Hareg ukoll illi meta wasal - Omissis- sema' lill-imputat jghid lil siehbu sabiex *"jerdagghulu"* u ried ilaqqghu ma' xi tifla u fil-fatt kien ukoll tah post sabiex jiltaqa' maghha. Meta -Omissis- waqaflu nholoq argument u -Omissis- mar biex iwaqqafhom. F'dak il-hin l-imputat beda jitkellem hazin u qabad ghonq -Omissis-. -Omissis- irraporta wkoll illi

gimgha qabel l-imputat kien qallu dawk il-kliem sabiex hu jgerrihulu u t-tifel lilu izda meta t-tifel ma ridx l-imputat wessieh biex ma jitkellimx. Hareg ukoll mir-rapport illi l-imputat ilu hafna kien ukoll jittanta liz-ziju ta' -Omissis- meta kien qallu *"nahxik f'sormok"*. Ir-rapport kien ukoll fuq theddid lil omm -Omissis- -Omissis- meta hija ltaqghet mal-imputat u wara li qaltlu biex ma jergax idejjaqha hu kien heddidha u taha daqqa go darha.

Semghet ix-xhieda tal-minuri **-Omissis-** ta' tlettax (13)-il sena bis-sistema awdjo-viziva fejn dan spjega illi l-imputat kien joqghod hdejh il--Omissis- u jghid illi ta' spiss kien imur joqghod jitkellem mieghu barra fuq il-bankina. Il-minuri jghid ukoll illi ghall-ewwel kien ikun hemm konverzazzjonijiet normali izda lejn l-ahhar u cioè f'Settembru 2020 kien jaghmel mossi bil-parti tieghu u joqghod ikellmu fuq is-sess. Jghid ukoll illi l-imputat kien qallu l-kliem *"indahlek gewwa noqghod nerdalek zobbok ... int terda tieghi u jien nerda tieghek".* Jghid illi kien qallu le u minn hemmhekk qatt ma missu izda kien dam jipprova jikkonvincih billi beda jghidlu li jekk jipprova jiehu hafna gost. -Omissis- jghid illi kien ikun wahdu hdejn l-imputat izda xi kultant wara kien jigi siehbu -Omissis- -Omissis-. Jghid illi omm -Omissis- marret tirraporta l-ghassa ghaliex qabel kienet kellmet lill-imputat biex iccanfru ghaliex l-

imputat kien qal xi kliem pastaz anke lilu wkoll, u l-imputat qabadha minn ghonqha. Jghid illi dawn il-kliem lil -Omissis- xi kultant kien jghidhomlu wahdu u xi daqqiet meta jkunu flimkien.

-Omissis- stqarr ukoll illi darba wahda l-imputat kien qallu biex ilaqqghu ma' tfajla ta' sittax (16)-il sena biex jaghmel is-sess fl--Omissis- f'xi ghalqa peress li l-minuri kien stqarr mieghu li ried isib gharusa. Qallu wkoll li fi zmien ilu kien jaghmel is-sess ma' wiehed kappillan fejn *"dan kien carrat il-qmis minn fuqu u tefa' jerdalu zobbu qalli l-Kappillan lil Nicholas"* u darba wahda meta l-imputat kien l-isptar ghamel l-istess ma' wiehed tabib fejn dan *"nezzalu l-qalziet qalli u tefghani nerdalu zobbu"*. Jghid illi l-imputat kien joffrilu sigaretti tal-kontrabandu hekk kif kien qallu hu izda dan qatt ma accetta. Jghid illi ma kienx qed jistenniha minghandu li l-imputat jghidlu dawk l-affarijiet.

Illi fuq domandi tal-avukat tieghu l-minuri kompla jispjega illi l-imputat kien qallu wkoll illi kien imur ghand wahda mara -Omissis-, li tigi z-zija tat-tfajla li kien ried ilaqqaghlu, ghas-sess.

Inkontroezami l-minuri jghid illi fit-tieni gimgha li kien imur hdejn l-imputat, dan kien jghidlu dawn l-affarijiet

kuljum. Jghid illi kien imur hdejh filghaxija xi s-sebgha u kwart (07:15 p.m.) u kien idum hemm xi siegha mbaghad kien imur jilghab ma' shabu bir-rota. Jghid illi dan baqa' jmur hdejh wara l-ewwel darba li kien qallu dawk il-kliem ghaliex ma kienx qed jiehdu bis-serjetà. Jghid illi fuq dawn l-affarijiet kien qal lil siehbu -Omissis- u -Omissis- kien mar qal lil ommu. Jghid illi kien beza' biex imur l-ghassa ghaliex l-imputat kien heddu li jekk jghid lill-genituri tieghu ma kienx jara x-xemx tielgha.

Xehed ukoll il-minuri **-Omissis-** bl-istess sistema awdjo-viziva fejn ikkonferma illi f'Settembru 2020 l-imputat kien qallu certu kliem pastaz fosthom *"biex jahxini f'sormi, kien qalli aw joqghod igerrihuli u jiena ngerrih ghalih, aw joqghod igerrili u jien ingerrihulu. Kien qalli biex jardahuli. Kien hadli certu ritratti qalli issa noqghod ingerrih ghalik".* Jghid illi huwa beda jieqaf hdejn l-imputat li kien ikun barra fuq bank hdejn ir-residenza tieghu fil-Omissis- ghaliex darba wahda kien waqqfu. Jghid illi n-nanna tieghu kienet toqghod vicin l-imputat il--Omissis-. Jghid illi ghall-ewwel kien jahseb li l-imputat kien qed jiccajta meta qallu dawn il-kliem imbaghad induna li ma kienx qed jiccajta. Jghid illi l-ewwel darba haseb li kien qed jiccajta izda t-tieni darba kien offendih b'ommu u meta l-minuri rrispondih lura l-imputat kien qabdu minn ghonqu u kien urilu l-ponn izda

ma kienx tah daqqa. Dan kien wara li kien ra lill-imputat jghid lil siehbu -Omissis- dawk il-kliem u ntervjena bejniethom. Jghid illi l-imputat pprova anke mieghu biex ilaqqghu ma' tfajla izda din kienet tidher li kienet *fake profile*. Din kienet l-istess persuna li pprova jlaqqaghha ma' -Omissis-. Jghid illi anke lilu l-imputat kien heddu li ma kienx ser jara x-xemx tielgha wara li l-minuri kien qallu li ma kienx ser jerga' jmur hdejh u li kien iffastidjat b'li kien qallu.

Ix-xhud jghid illi ddecieda li jmur jitkellem mal-familja tieghu u peress li joqghod ma' nanntu kien tkellem maghha u ma' ommu u prezenti kien hemm ukoll zijuh.

Xehdet in-nanna ta' -Omissis- u cioè **-Omissis-** li spjegat illi kienet tara lil -Omissis- kwiet u li ma riedx jiekol u meta kienet staqsietu jekk kienx gara xi haga kien qalilha jekk kinitx izzomm sigriet u kien qallha li l-imputat kien qallu xi kliem pastaz. Hija tghid illi dak il-hin hasbet li Kola (l-imputat) kien beda jidghi quddiemu izda jumejn wara qallha li dakinhar l-imputat kien qabdu minn ghonqu meta mar iwaqqaf glieda bejn -Omissis- u l-imputat imbaghad qallha dak kollox li kien qallu biex jaghmel l-imputat. -Omissis- qallha li kien irrispondih bil-kelma *pufta* u minn hemmhekk qabdu minn ghonqu. Minn hemmhekk in-

nanna ddecidiet tghid lil omm -Omissis- imbaghad marru l-ghassa.

-Omissis- kkonfermat ukoll illi meta qalu lil omm -Omissis- li marru jaghmlu rapport, dan qallhom bil-fatt li l-imputat kien offrilhom tfajla mil-Omissis- sabiex jaghmlu sess maghha. Qalet ukoll li t-tifla taghha, li tigi omm -Omissis-, qaltilha li l-imputat kien heddidha u taha daqqa go darha ghaliex kienet affrontatu bis-sitwazzjoni.

Xehdet ukoll omm -Omissis- u cioè **-Omissis-** li tghid illi hija kienet konxja tal-fatt li t-tifel taghha kien jieqaf ikellem lill-imputat izda peress li kien gar taghhom u qatt ma kellha xejn hazin x'tahseb fuqu ma kienet qalet xejn. Però meta ommha kienet qaltilha bl-istorja hija bdiet tiftakar fuq affarijiet li kien jghidilha -Omissis- ftit qabel, kliem bhal *"ma li kieku nkun gay naghmel suicide"* u ghalhekk l-affarijiet bdew jaghmlu sens ghaliha.

Ix-xhud tikkonferma li -Omissis- kien qallha li l-imputat kien qabdu minn ghonqu meta mar iwaqqaf lil -Omissis- u lill-imputat.

Hija tghid li kienet prezenti meta Kola hedded lil -Omissis- meta qallu li kien ser jiddispjacih li mar l-ghassa jirraporta

mbaghad meta marret lura d-dar kien hedded lilha wkoll u taha daqqa fuq daharha.

**-Omissis-** li jigi iz-ziju ta' -Omissis- u jirrakonta li anke hu stess kien vittma tal-imputat meta kien daqs in-neputi tieghu. Jghid illi huwa kien ikun qed jilghab barra u jghajjatlu l-imputat sabiex jitkellmu u daqqa joffrilu sigarett, daqqa biex jurilu ghasfur jew qattusa, daqqa jghidlu sabiex u xi kultant iqieghed idejh fuq saqajh izda sa hemmhekk wasal.

Ghad-difiza xehed it-tabib kuranti tal-imputat u cioè **Dr. Raymond Sacco** li kien ilu jafu ghal madwar erbgha u tletin (34) sena fejn jikkonferma li l-imputat ibati minn accessjonijiet, pressjoni, kolesterol, problemi fil-prostata u cirkolazzjoni hazina. Jghid illi mill-pinnoli li jiehu l-imputat dawn jeffettwawlu l-organu sesswali tieghu u cioè jkun difficli jkollu erezzjoni però a rigward xewqat sesswali dawn mhumiex effettwati. Jghid illi qatt ma ppreskriva pinnoli sabiex jghinuh mill-att sesswali bhal ma hi l-Viagra ghaliex din il-pinnola hija kontra-indikata mal-pinnoli li jiehu.

Finalment xehed l-akkuzat **Nicholas Zammit** li ghalkemm ix-xhieda tieghu hija wahda twila, in succint huwa

kkonferma l-istqarrija li kien ta lill-pulizija (folio 217) fejn huwa innega dak li kienu qeghdin jallegaw il-minuri u d-difiza tieghu kienet wahda illi huwa qatt ma jista' jkollu x'jaqsam ma' persuna ghaliex ghandu debilitajiet fl-organu sesswali tieghu hekk kif xehed it-tabib kuranti tieghu qablu.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi r-reati addebitati lill-imputat Nicholas Zammit kollha jinkwadraw ruhhom taht ir-reati ta' fastidju u cioè taht l-Artikoli 251 *et seq.*

**<u>Reat ta' biza' ta' vjolenza</u>**

Dan ir-reat jinkwadra ruhu fl-Artikolu 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid is-segwenti:

> *(1) Persuna li l-imgieba taghha tikkaguna lil ħaddiehor jibza' li se tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tieghu jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) tkun hatja ta' reat jekk*

*hija tkun taf jew imissha tkun taf li l-imgieba taghha se tikkaguna lil xi hadd iehor hekk jibza' kull darba minn dawk l-okkazjonijiet, u tista' tehel il-piena ta' prigunerija ghal zmien minn sena sa sentejn jew multa ta' mhux inqas minn sitt elef u hames mitt euro (€6,500) u mhux izjed minn hmistax-il elf euro (€15,000), jew dik il-multa u prigunerija flimkien.*

*(2) Ghall-finijiet ta' dan l-artikolu, il-persuna li l-imgieba taghha tkun wahda dubjuza jmissha tkun taf li tkun se tikkaguna biza' f'haddiehor li ser tintuza vjolenza kontrih f'xi okkazjoni jekk persuna ragonevoli li jkollha l-istess informazzjoni kieku tahseb li dik l-imgieba tkun ser tikkaguna biza' fil-persuna l-ohra f'dik l-okkazjoni."*

Illi dan l-artikolu jirreferi ghal persuni li l-imgiba taghhom tkun wahda dubjuza. Fil-fatt fit-test Ingliz jintuzaw il-kliem *"whose course of conduct is in question"*; u ghalhekk imissha tkun taf li ser tikkaguna biza' f'haddiehor li ser tintuza vjolenza kontrih f' xi okkazjoni jekk persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni kieku tahseb li dik l-imgiba tkun ser tikkaguna biza' fil-persuna l-ohra f' dik l-okkazjoni. Illi mis-sentenzi tal-Qorti tal-Appell hareg

illi t-test li jrid jigi applikat hu wiehed oggettiv. (*vide* **Il-Pulizija vs Raymond Parnis** dec. 18/06/2009 u **Il-Pulizija vs Massimo Tivisini** dec. 27/02/2009).

Fis-sentenza bl-ismijiet **Il-Pulizija vs Brian Micallef** deciza fl-14 ta' Ottubru 2011, il-Qorti kienet irrimarkat is-segwenti a rigward l-elementi ta' dan ir-reat:

> *"Ser issa jigi kunsidrat it-tieni aggravju tal-appellant b'riferenza ghar- reat kontemplat fl-artikolu 251B(1) tal-Kodici Kriminali. F'dan ir-rigward l-appellant isostni li dak li gie ppruvat fil-konfront tieghu sehh f'okkazzjoni unika u ghalhekk l-imgieba tieghu ma setgħet qatt twassal għal sejbien ta' ħtija tar-reat kontemplat fl-artikolu msemmi peress li skont l-appellant "l-imgieba li tissemma fis-subartikolu (1) tieghu timplika ta' l-anqas zewg okkazzjonijiet. In sostenn tat-tezi tieghu l- appellant jaghmel riferenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Raymond Parnis. F'dik is-sentenza gie rilevat li r-reat de quo gie ispirat mill-artikolu 4(1) tal- Protection from Harassment Act,*

*1997 tal-Ingilterra fejn ir-reat espressament jirrikjedi bhala wiehed mill-elementi materjali tieghu li l- imgieba trid tkun tikkonsisti fi "on at least two occasions". Ma' dan taqbel din il-Qorti kif preseduta. Fejn ma taqbilx din il-Qorti ma' dik is-sentenza huwa fejn jinghad li il-frazi "on at least two occasions" thallew barra mid-definizzjoni tar-reat fl-artikolu 251B(1) tal-Kodici Kriminali "Ghal xi raguni ... kompletament illogika". Dak li hu verament illogiku ma hux l-ommissjoni tal-element imsemmi --- ghaliex l-ommissjoni ta' dak l-element hu logikament indikazzjoni cara li l-legislatur ried jimmira li deliberatament jeskludih mid-definizzjoni tar-reat --- izda l-fatt li fid- definizzjoni tar-reat thallew il-kliem "on each of those occasions" minkejja l-omissjoni tal-frazi "on at least two occasions". B'danakollu, la darba thallew bhala parti mid-definizzjoni tar-reat il-kliem "on each of those occasions", li ghal min jaqrah jimplikaw li l-imgieba li ghaliha hemm riferenza fid-definizzjoni tar-reat tikkonsisti f'aktar minn okkazzjoni wahda, din il-Qorti, partikolarment trattandosi ta' interpretazzjoni ta' dispozizzjoni penali, trid necessarjament tagħti effett lit-tifsira naturali ta'*

*dawk il-kliem, specjalment in vista tal-inerzia tal-legislatur biex jikkjarifika l-volonta' tieghu wara s-sentenza msemmija ta' din il-Qorti diversament preseduta.*

*Ghaldaqstant din il-Qorti, ghar-ragunijiet hawn imsemmija, taqbel li l-imgieba li ghaliha jaghmel riferenza l-artikollu 251B(1) ghandha tikkonsisti f'mhux anqas minn zewg okkazjonijiet. Billi, kif sewwa irrileva l-appellant, dak li gie pruvat fil-konfront tieghu sehh f'okkazjoni wahda din il-Qorti sejra ghalhekk tilqa' it-tieni aggravju tal-appellant u sejra tilliberah ukoll minn din l-imputazzjoni."*

Illi fil-kaz inezami jinghad illi -Omissis- u -Omissis- gew mitkellma mill-imputat f'diversi okkazjonijiet. Il-minuri jixhdu illi marru hdejh intotal ghal gimaghtejn izda kien biss fit-tieni (2) gimgha illi l-imputat beda jkun aktar pezanti bi kliemu. Illi l-minuri jghidu illi ghal bidu hasbu illi l-imputat kien qed jiccajta meta beda jipproponilhom sabiex jaghmlu dawk l-atti oxxeni fuq xulxin izda mbaghad meta huma rribellawlu u wrewh li verament ma ridux jaghmlu dak li kien qalilhom huwa wera certa

attitudni aktar harxa fil-konfront taghhom u meta -Omissis- mar iwaqqaf lill-imputat ikun aggressiv ma' siehbu -Omissis-. Illi jinghad illi din kienet okkazjoni wahda fejn l-imputat wera dan l-atteggjament fejn qabel il-minuri ma setghux jimmaginaw illi l-imputat seta' juri dan il-komportament. Illi anke mix-xhieda ta' omm -Omissis- u cioè -Omissis-, din tghid illi dejjem kienet taf lill-imputat bhala persuna kwieta u gar taghhom u qatt ma kienet tobsor li huwa kien ser jasal biex jaghmel dawk l-affarijiet (din kienet qed tinkludi wkoll l-avvanzi sesswali li l-imputat ghamel lill-minuri).

Illi ghalhekk tali Artikolu ma jistax japplika ghall-kaz *de quo* ghaliex l-elementi ta' dan ir-reat u cioè l-*course of conduct* ma gewx ippruvati.

**<u>Reat ta' fastidju generiku</u>**

Illi l-imputat Nicholas Zammit gie akkuzat ukoll bir-reati ta' fastidju kkontemplati taht l-Artikoli 251A (a) u (b) tal-Kapitolu 9 li jghidu hekk:

*"(1) Persuna li:*

*(a) iggib ruhha b'mod li taghti fastidju lil persuna ohra;jew*
*(b) iggib ruħha b'mod li tkun taf jew ikun imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju għal dik il-persuna; …"*

In propositu ta' dawn l-akkuzi fil-konfront tal-imputat u cioè r-reati ta' *harassment*, l-istess ragunament ghar-reat precedenti japplika u hawnhekk jigi kkwotat l-awtur **Blackstone** fil-ktieb tieghu **Criminal Practice** (2012 Ed.):-

"*Establishing a course of conduct, rather than a series of unrelated acts, is crucial to the success of any prosecution for harassment, and* ***'it is the course of conduct which has to have the quality of amounting to harassment, rather than individual instances of conduct'*** *(Iqbal v Dean Manson (Solicitors) [2011] EWCA Civ 123 per Rix LJ at [45]). The matters said to constitute the course of conduct amounting to harassment must be ... so connected in type and in context as to justify the conclusion that they amount to a course of conduct*

*(Patel [2005] 1 Cr App R 440; Pratt v DPP (2001) 165 JP 800; C v CPS ).*"

Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-Artikolu 251C tal-Kapitolu 9 li tghid li referenzi ghall-ghoti ta' fastidju lill-persuni jinkludu meta wiehed jaghti qatgha jew idejjaq lill-persuna. ("*alarming the person or causing the person distress*" fit-test Ingliz), il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra ghat-terminu generiku ta' fastidju jew "harassment".

Blackstone f'dan ir-rigward, jghid hekk:-

*"'Harassment' is generally understood to involve improper oppressive and unreasonable conduct that is targeted at an individual and calculated to produce the consequences described in s. 7. By s. 1(3) of the Act (see B2.143), reasonable and/or lawful courses of conduct may be excluded. The practice of stalking is arguably the prime example of harassment (Curtis [2010] 1 Cr App R (S) 193) but a wide range of other actions could, if persisted*

*in, be so categorised. A course of conduct which is unattractive and unreasonable does not of itself necessarily constitute harassment;* ***it must be unacceptable and oppressive conduct such that it should sustain criminal liability****. See Majrowski v Guy's & St Thomas's NHS Trust [2007] 1 AC 224, per Lord Nicholls at [30].* ***Harassment includes negative emotion by repeated molestation, annoyance or worry. The words 'alarm and distress' are to be taken disjunctively and not conjunctively, but there is a minimum level of alarm or distress which must be suffered in order to constitute harassment.****"* [emfasi tal-Qorti]

F'sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs James Demanuele** deciza fis-26 ta' Novembru 2009, il-Qorti tal-Appell Kriminali stqarret:

*"... Illi t-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "harassment") gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala:- "****Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or***

> ***causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose****", dan l-element ta'* ***ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "in isolation" b' riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma wkoll irid jitqies fl-isfond tar- retroxxena*** *u ta'l-agir precedenti tal-gudikabbli."*

Imbagħad, kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza deciza fil-21/06/2007 fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez</u>**:-

> *".... f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn* ***agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien****." Pero', xorta wahda jkun irid jirrizulta mill-provi ghall-fini tal- parametri tal-akkuza nnifisha."*

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v. Raymond Parnis</u>** qalet hekk inpropositu:-

*"Din il-Qorti mhix ser tipprova taghti definizzjoni ezawrienti ta' x'jammonta ghal "course of conduct" ghall-fini tal-imsemmi Artikolu 251B(1) – u anqas ma hi ser tipprova telenka kazijiet, anke jekk biss bhala forma ta' ezempju, li jammontaw jew ma jammontawx ghal tali "imgieba", haga li trid tigi deciza minn kaz ghal kaz skond ic-cirkostanzi u bl-applikazzjoni ta' doza qawwija ta' saggezza min-naha tal- gudikant."*

Illi tenut kont ta' dak li ntqal hawn fuq u tenut kont li ma gietx ippruvata *a course of conduct* da parte tal-imputat versu l-minuri involuti, tali provvedimenti tal-ligi ma ghandhomx japplikaw.

**<u>Reat ta' fastidju sesswali</u>**

Illi mhux l-istess jinghad ghal dan il-provvediment li jemana mill-istess Artikolu u cioè Art. 251A izda fis-subinciz d u e tieghu li jghidu hekk:

*"(1) Persuna li*

*(d) titlob favuri sesswali minghand persuna ohra; jew*

*(e) tissoggetta lil persuna ohra għal xi att u, jew imgiba li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali, inkluzi kliem bil-fomm, mossi u, jew ghemil, il-wiri jew ic-cirkolazzjoni ta' kliem miktuba, stampi, u, jew xi materjal iehor, fejn dak l-att, kliem, u jew imgiba mhumiex mixtieqa mill-vittma, u jkunu jistghu ragonevolemnt jigu kkunsidrati bhala offensivi, umiljanti, degradanti, u, jew intimidatorji lejha,*

*Tkun hatja ta' reat taht dan l-artikolu."*

Dan it-tip ta' fastidju gie dibattut mill-Qorti Kriminali fil-kawza bl-ismijiet Il-Pulizija vs Roger Galea (dec. 06/01/2023 per Imh E. Grima) fejn gie deciz illi dan it-tip ta' fastidju ma hemmx bzonn imgiba fastidjuza precedenti. Fil-fatt intqal:

*"L-Ewwel Qorti, fid-decizjoni taghha kienet tal-fehma illi l-agir tal-appellat fil-konfront tal-vittma meta hija harget mill-kamra tal-banju kien meqjus bhala agir b'konnotazzjoni sesswali, liema imgieba ma kenitx mixtieqa mill-vittma u wkoll li kien wieħed*

*offensiv, umiljanti, degradanti u intimidatorju, madanakollu qieset li din l-imgieba kienet marbuta ma' okkazjoni wahda biss u għalhekk, b'referenza ghal gurisprudenza kopjuza dwar dak li jikkostitwixxi ir-reat tal-fastidju taht l-artikolu 251A tal-Kodici Kriminali, kkonkludiet li l-elementi tar-reat ma jissussistux u ghaldaqstant illiberat lill-appellat mill-akkuza dedotta kontrih.*

*Illi għalkemm ir-reat li bih l-appellat jinsab mixli jinsab imhaddan fl-artikolu 251A tal-Kodici Kriminali, u cioe' ir-reat tal-fastidju, liema reat l-qrati taghna kostantement interpretawh bhala tali li jirrikjedi imgieba mifruxa fuq ghal ta' l-anqas zewg okkazjonijiet, madanakollu ir-reat ikkontemplat fis-sub-inciz (1)(e) ta' dan l-artikolu tal-ligi, kif gustament jikkonkludi l-appellant Avukat Generali, ma ihaddanx fih l-istess elementi li jiffurmaw ir-reati enkapsolati fis-sub-incizi (a) u (b) promulgati mat-twelid ta' dan ir-reat permezz ta' l-Att XX tal-2005 fejn l-att materjali tar-reat jikkonsisti fl-imgieba li timporta fastidju jew inkella kif jidher mit-test Ingliz meta l-awtur tar-reat*

*"pursues a course of conduct which amounts to harassment". Illi l-artikolu 251A tal-Kodici Kriminali gie sostitwit permezz ta' l-Att XIII tal-2018 u ċioe' 'l-Att biex jipprovdi sabiex l-artikoli sostantivi tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-glieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika, isiru u jkunu ezegwibbli bhala parti mil-Ligijiet ta' Malta'. Dan l-Att kellu ukoll bhala l-ghan tieghu li jippromwovi u jipprotegi d-dritt ta' kulhadd, u partikolarment persuni f 'riskju li jigu esposti ghal vjolenza domestika li jghixu hajja hielsa mill-vjolenza kemm fl-isfera pubblika kif ukoll dik privata. Din il-ligi il-gdida hasbet sabiex tipprovdi ukoll ghal emendi konsegwenzjali f 'ghadd ta' ligijiet varji, fosthom allura f'uhud mid-disposizzonijiet tal-Kodici Kriminali li jkopru ir-reati b'konnotazzjonijiet ta' natura sesswali. Fil-fatt fl-Iskeda ghall-Att hemm riprodotta fl- intier taghha il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-glieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika iffirmata gewwa Istanbul, it-Turkija fil-11 ta' Mejju 2011, maghrufa komunement bhala il-Konvenzjoni ta' Istanbul, li giet minn Malta ratifikata f'Mejju tal-2014, bl-adezjoni tal-Istati Membri tal-Unjoni*

*Ewropeja ghal din il-Konvenzjoni isehh fid-09 ta' Gunju 2017. Il-Konvenzjoni ta' Istanbul hija l-aktar trattat internazzjonali komprensiv dwar il-glieda kontra, u l-prevenzjoni, tal-vjolenza kontra in-nisa u vjolenza domestika, bit-Trattat jaghti is- segwenti definizzjoni tal-vjolenza kontra in-nisa:*

***""vjolenza fuq in-nisa" hija mifhuma bhala ksur tad-drittijiet tal-bniedem u forma ta' diskriminazzjoni kontra n-nisa u għandha tfisser kull att ta' vjolenza abbazi tas-sess li tirrizulta, jew li aktarx tirrizulta fi hsara fizika, sesswali, psikologika jew ekonomika jew tbatija ghan-nisa, inkluz theddid ta' atti bhal dawn, sfurzar jew caħda arbitrarja tal-libertà, kemm jekk issir fil-pubbliku kif ukoll fil-hajja privata."***

*Illi fost ir-reati l-godda mahluqa wara r-ratifikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni hemm dawk imhaddna fl-artikolu 251A(1)(c)(d) u (e) tal-Kodici Kriminali li jitkellmu dwar il-hsara ta' natura sesswali perpetrata fuq il-vittma mill-awtur tar-reat. Illi minn qari tad-dicitura ta' dawn ir-reati l-*

*godda, huwa evidenti li l-att vjolattiv tal-ligi ma ghadux dak ta' imgieba devjanti mifruxa fuq iktar minn okkazjoni wahda, izda jirrizulta ukoll meta ikun hemm att wiehed li jaqa' fid-definizzjoni ta' dawn is-sub-incizi godda għall- artikolu 251A. B'mod specifiku is-sub-inciz (1)(e) li jikkontempla ir-reat addebitat lill-appellat jitkellem fuq "**att u, jew imgiba li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali",** b'distinzjoni cara bejn il-kelma "att" u "imgieba", bir-reat allura jissussisti anke meta ikun hemm att vjolattiv wiehed. Illi anke t-test Ingliz ghall-ligi ma jirrendiex lill-awtur tar-reat ħati biss meta "(he) pursues a course of conduct" izda meta "(he) subjects another person to **any act** and, or conduct with sexual connotations", b'distinzjoni hawnhekk ukoll bejn il-kelma "act" u "conduct".*

*Illi l-artikolu 40 tal-Konvenzjoni fil-fatt, meta jitkellem fuq il-fastidju sesswali, jimponi is-segwenti obbligu fuq il-firmatarji għat-Trattat:*

***"Il-Partijiet għandhom jieħdu l-mizuri legizlattivi jew mizuri oħrajn necessarji sabiex jizguraw li kwalunkwe forma ta' mgiba verbali, mhux verbali jew fizika mhux mixtieqa ta' natura sesswali bil-għan jew bl-effett li jmur kontra d-dinjità ta' persuna, b'mod partikolari meta jinħoloq ambjent intimidanti, ostili, degredanti, umiljanti jew offensiv, tkun soggetta ghal sanzjoni kriminali jew sanzjoni legali ohra."***

*Issa l-Ewwel Qorti gustament waslet għal konkluzjoni li l-imgieba tal-appellat kienet wahda b'konnotazzjonijiet sesswali, li ma kenitx mixtieqa u "**indubbjament wiehed ta' intimidazzjoni, degradanti u offensiv lejn il-vittma**." Illi allura abbazi ta' dawn il-konkluzjonijiet probatorji, l-Ewwel Qorti kellha tghaddi sabiex issib il-htija fl-appellat ghar-reat lilu addebitat billi l-elementi ta' dan ir-reat jikkonsistu mhux biss f'dik l-imgieba jew dik il-course of conduct mehtiega biex jissussistu ir-reati imfassla fis-sub-incizi (1)(a) u (b) ta' l-artikolu 251A tal-Kodici Kriminali, izda ukoll f'dak l-att wiehed u uniku li jkollu konnotazzjonijiet sesswali*

***"inkluzi kliem bil-fomm, mossi u, jew ghemil, ..... fejn dak l-att, kliem, u jew imgiba mhumiex mixtieqa mill-vittma, u jkunu jistghu ragonevolemnt jigu kkunsidrati bhala offensivi, umiljanti, degradanti, u, jew intimidatorji lejha."***

*Illi allura l-Qorti ma tistax taqbel mal-interpretazzjoni moghtija mill-Ewwel Qorti tar-reat addebitat lill-appellat u tqies illi mill-evidenza ikkumpilata fl-atti huwa indubitat illi l-appellat huwa hati kif mixli."*

Illi indubjament l-imputat Nicholas Zammit qal certu kliem ta' natura sesswali lill-minuri -Omissis- u -Omissis- fejn talab favuri sesswali minnhom liema atti gew ampjament ikkwotati aktar 'l fuq f'din is-sentenza u ssuggettahom ghal certu atteggjament tieghu, liema atteggjament ghalkemm ma haduhx bis-serjetà ghall-bidu, certament urthom u hasadhom meta dan gie ripetut f'okkazjoni ohra. Illi di piu' tali atteggjament kien maghmul mill-imputat fuq zewg minuri li kienu ghadhom ta' età tenera ta' tnax (12)-il sena hekk kif gie ppruvat permezz tac-certifikat tat-twelid taghhom li jinsab in atti.

Illi din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tiddubita mill-awtenticità tax-xhieda tal-minuri liema xhieda hija mimlija dettalji rigward il-proposti indecenti tal-akkuzat fil-konfront taghhom li ried jaghmel maghhom affarijiet sesswali. Illi di piu' dak li hareg hu certu tip ta' *grooming* mill-imputat versu dawn il-minuri fejn qabel ma ghamel il-proposti tieghu, kien sar jafhom, gab il-kunfidenza taghhom forsi fejn tkellmu fuq tfajliet, offrielhom sigaretti u birra mbaghad meta ra li kellu kunfidenza bizzejjed maghhom, ipproponielhom dak li hareg mill-atti.

Illi d-difiza qisha qed tixhed dell ikrah fuq dawn il-minuri li forsi kellhom motivi ulterjuri biex jaqilghu gidba fuq l-akkuzat izda minn imkien mill-procediment ma hareg xi motiv plawsibbli fejn dawn il-minuri setghu kellhom il-motiv sabiex jixhdu l-falz.

Illi certament l-istess minuri xehdu wkoll illi hassewhom urtati meta ndunaw illi l-imputat kien qieghed jipproponilhom dawk l-atti bis-serjetà u appena gara dan huma waqfulu mill-ewwel bil-konsegwenza li l-imputat irritalja u ghamel tabirruhu li qatt ma kien qal xejn specjalment meta kien affrontat minn omm wiehed mill-minuri -Omissis-.

## Kontravvenzjoni ta' theddid

A rigward taz-zewg akkuzi ta' theddid u cioè akkuzi sitta (6) u sebgha (7) jinghad illi gie ampjament ippruvat u dan minhabba t-theddid tal-imputat versu -Omissis- u ommu wara li dawn marru jirrapurtaw l-ghassa u tal-agir tal-imputat versu -Omissis- dakinhar ta' meta kien mar jaqbez ghal siehbu -Omissis- u l-imputat qabad lil -Omissis- minn ghonqu. A rigward -Omissis- anke hu gie mhedded mill-imputat dakinhar meta nqala' l-incident l-imputat kien qallu l-kliem li jekk imur jghid lill-genituri tieghu ma kienx ser jara x-xemx tielgha. Illi ghalhekk anke dawn iz-zewg akkuzi gew ippruvati.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 251A(1)(d)(e), 339(d), 339(e) u 251H(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat **Nicholas Zammit** hati tar-raba' (4), il-hames (5), is-sitt (6) u s-seba' (7) akkuzi u stante li s-seba' (7) akkuza hija assorbita fir-raba' (4) u fil-hames (5) akkuzi, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah ghal tlettax (13)-il xahar prigunerija sospizi ghal sentejn (2) filwaqt li tilliberah mill-akkuzi l-ohra kollha fuq nuqqas ta' provi.

Inoltre' l-Qorti qed tordna l-hrug ta' Ordni ta' Trazzin a bazi tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta a favur tal-vittmi ghal zmien sentejn (2), liema Ordni ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Finalment il-Qorti spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-Ordni ma tigi obduta.

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**